MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2006

Appell Civili Numru. 183/1998/1

**Rosina Micallef u b' digriet tal-5 ta' Settembru 2005 assumew l-atti Carmelo (ID 511834M), George (ID 27051M), John (ID 47954M), Salvu (ID 704346M), Nicola (ID 597839M), Francis (ID 374552M), Adelina mizzewga Fava (ID 539235M), Maria Dolores mizzewga Bugeja (ID 858949M), Anthony (ID 278756M) ilkoll ahwa Micallef, ulied ir-rikorrenti Rosina Micallef u Fiona mizzewga Aquilina (ID 29581M), Ruth Micallef (ID 404269M), Johan (ID 173575M), u Nataline mizzewga Carabott (ID 14271M) ikoll ahwa Micallef stante il-mewt ta' Rosina Micallef**

**vs**

**Alfred Bilocca u b' digriet tad-29 ta' Marzu 2005 assumiet l-atti Jane Bilocca stante il-mewt ta' Alfred Bilocca**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta’ Novembru, 2005, il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Bord,

Ra r-rikors ta Rosina Micallef u b’digriet tal-5 ta Settembru 2001 assumew l-atti Carmelo (ID 511834M), George (ID 27051M), John (ID 47954M), Salvu (ID 704346M), Nicole (ID 597839M), Francis (ID 374552M), Adelina mizzewwga Fava (ID 539235M), Maria Dolores mizzewwga Bugeja (ID 858949M), Anthony (ID 278756M) ghall-ahwa Micallef, ulied ir-rikorrenti Rosina Micallef u Fiona mizzewwga Aquilina (ID 29581M), Ruth Micallef (ID 404269M), Johan (ID 173575M), u Nataline mizzewwga Carabott (ID 14271M) ghall-ahwa Micallef li b’digriet stante il-mewt ta Rosina Micallef li jesponu bir-rispett:

Illi l-esponenti tikri lill-intimat il-fond 16, Vitale Street, Hamrun, bil-kera ta Lm9.60 fis-sena, pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, l-iskadenza li jmiss fl-1 ta Mejju, 1999.

Illi l-intimat mhux qed juza l-fond, u/jew mhux qed juza l-fond skond id-destinazzjoni tieghu;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu titlob illi dan il-Bord jghogbu jawtorizzha sabiex tirriprendi l-pussess battal tal-imsemmi fond gewwa l-Hamrun, fi tmiem ir-rilokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intimat mill-imsemmi fond.

Ra r-risposta tal-intimat, Alfred Bilocca u b’digriet tad-29 ta Marzu 2005 assumiet l-atti Jane Bilocca stante il-mewt ta Alfred Bilocca

Illi t-tieni paragrafu tar-rikors promotorju presentat mir-rikorrenti jikkostitwixxi kontra sens u huwa evidentement kontradittorju stante li mhux possibbli li l-intimat mhux qed juza l-fond de quo u fl-istess hin jigi asserit li biddel id-destinazzjoni tal-fond in mertu, li jippresupponi uzu izda ghal skp divers minn daka l-iskop li ghalih kien mikri l-fond; jew juzah jew ma juzahx izda mhux possibbli li

persuna tuza fond anke ghal skop divers u fl-istess hin ma tuzahx.

Illi l-premess jixhed b'mod lampanti illi din il-procedura qed issir vessattorjament ghaliex li kieku t-tesi tar-rikorrenti kollha mis-sewwa kienet tkun linejari u mhux kontradittorja.

Illi l-verita hi li l-fond de quo qed jintuza bhala store u li r-rikorrenti ilha li akkwijexxiet ghal dana l-uzu kif fil-fatt diga gie stabbilit waqt kawza fl-istess ismijiet deciza minn dan l-Onorabbli Bord diversament presedut fis-7 ta Lulju 1988 (Rikors Numru 85B/84).

Ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha.

Ra d-digriet tieghu tad-9 ta Novembru 2005

Sema x-xhieda bil-gurament u ra l-atti u d-dokumenti kollha

Ra l-verbal tal-5 ta Ottubru 2005.

Ikkonsidra,

1. Bejn il-partijiet diga kien hemm kawza ohra deciza mill-Bord diversament preseduta fis-7 ta Lulju 1998 fuq il-kawzali ta uzu divers. It-talba tar-rikorrenti Rosina Micallef giet michuda billi:

"jirrizulta illi r-rikorrenti kienet taf illi l-intimat qed juza l-fond de quo bhala mahzen u illi, nonostante baqghet tircievi l-kera ta l-istess fond u b'hekk ikkonnoxxiet ghall-uzu attwali tieghu".

2. Fir-rikors li ghandu quddiemu l-Bord illum jinghad illi l-intimat mhux qed juza l-fond, u/jew mhux qed juza l-fond skond id-destinazzjoni tieghu.

3. Fir-risposta jinghad li ma jaghmilx sens li jigi allegat li xi hadd mhux qed juza l-fond u fl-istess hin jigi

allegat li qed jintuza ghall xi haga ohra. In re ‘Zammit Tabone et vs Walker et’ (15.12.03) l-Onorabbli Qorti ta l-Appell fissret li “non uso u l-uzu divers huma zewg koncetti kontradistinti minn xulxin, anke jekk jigi koncess illi xi kultant intqal ukoll li dawn jikkavallaw wahda fuq l-ohra. Dan fis-sens illi ‘non uso jigi ekwiparat ghall-uzu divers’ (Rocco Caruana et vs Albert Cauchi, Appell 6 ta Dicembru 1968). Fil-kaz ta non uso ghandek is-sitwazzjoni fejn il-fond mikri jinzamm, bla ebda gustifikazzjoni, maghluq u inutilizzat ghall-perjodu apprezzabbli ta zmien (Elena Magri et vs Andrea Piscopo, Appell 12 ta Mejju 1950) jew, jekk isir xi uzu minnu, dan isir sporadikament u ghall-perjodi qosra (Pullicino vs Briffa, Appell 18 ta Gunju 1983; Josephine Smeets vs Evelyn Spiteri, Appell 30 ta Ottubru 1997). Invece fil-kaz ta uzu divers il-kerrej ikun znatura id-destinazzjoni li kienet issir qabel mill-fond u b’hekk abbuza mill-godiment tieghu. Ad exemplum, minn garage ghal karozza jaghmlu store (Emanuel Mifsud vs Philip Cassar, Appell 31 ta Mejju 1996) jew minn furnished flat jaghmlu ufficcju (Gemma Saliba vs Reno Schembri, Appell 3 ta Dicembru 1999).”

4. Minn kif imxiet il-kawza ir-rikorrenti qed jallegaw non uso u mhux uzu divers minkejja xi sfumaturi ‘l hawn u ‘l hin.

5. Fuq il-post hemm licenzja:
“to hawk earthenware and bazaar articles from a horse drawn car”. Id-dokument jirreferi ghan-numru 12B, Vitale Street, Hamrun. Ir-rikors isemmi numru 16 fl-istess triq. Il-partijiet qed jirreferu ghall-istess fond. Licenzja wehidha ma tfissirx li ghax ghandu jibqa’ jsir il-hlas taghha qed isir uzu minn fond (ara “Caruana vs Cauchi:. Appell 6 ta Dicembru 1968).

6. L-intimat kien jahdem max-xandir, wara mar mal-Maltacom fid-9 ta Frar 1987. Gie ‘boarded out’ fis-26 ta Jannar 1996 imhabba mard. L-intimat kien part time hawker u kien ibiegh fuq il-Monti.

7. Minn-naha tar-rikorrenti jinghad li l-post kien vojt u mimli xkejjer (fol 10 xhieda Carmelo Micallef). Mart Carmel Micallef, Carmen tistqarr:
"jiena darba mort fil-post u sibt hemmhekk ragel, lili qalli biex noqghod hawn biex neghda. Ir-ragel tieghi qalli li hu l-intimat. Fil-post ittawwalt u rajt biss imbarazz. Jiena mort fuq il-post b'kurzita biex inkun naf l-intimat x'qed jaghmel. Il-post kien nofsu vojt u kien qed jilghab b'xi haga (ibid). Meta Carmel Micallef xehed stqarr li l-bieb tal-fond twessa biex tista tidhol karozza (fol 34).
L-intimata tghid li l-bieb kien qadim u kellu jitbiddel.

8. Ex admissis l-intimat li gie nieqes fil-mori tar-rikors, kien qata mill-hidma tieghu ghall habta tal-1998 (xhieda ta Jane Bilocca, seduta 18 ta April 2002 li ssemmi erba snin fol 60) Skond l-intimati fil-fond hemm fajjenza, m'ghandkomx fejn iqeghduha u l-intimat sa kemm dam haj ma baqax imur fil-mahzen. Skond l-istess Jane Bilocca meta l-intimat qata mix-xandir baqa jarma fuq il-Monti (fol 61).

9. Bin l-intimat wara li jsemmi l-fajjenza jghid li din qeghda fil-fond "sakemm jigi naqra mhux hazin missieri u jerga jibda jarma, jekk il-Bambin irid" (fol 75). Fuq il-Monti m'ghadux imur (fol 77). Il-merkanzija qeghda hemm u ma jinbiegh xejn.

10. Meta r-rikorrenti Carmel Micallef sarlu l-kontroezami qal li iben Alfred Bilocca, George qallu biex jibdel l-isem tal-kerrej minn Alfred ghal George, hu ghamel hekk. Jifhem li ghamel zball (fol 84), jigifieri ma fehemx l-implikazzjonijiet.

11. It-tema legali huma pacifikament stabbilit illi biex in-non uso ta' fond jammonta ghal uzu divers hemm bzonn li jghaddi tul ta zmien, valutabbli skond ic-cirkostanzi tal-kaz, u li jkun volontarju u mhux determinat minn xi gustifikazzjoni regonevoli (ara 'Azzopardi vs Tanti', Appell Civil 6 ta Frar 1984); 'Sciberras vs Azzopardi', 31 ta Ottubru 1988; 'Cutajar vs Attard' Appell Civil 25 ta Jannar 1999).

12. Meta inghatat is-sentenza fis-7 ta Lulju 1988 il-fond kien qed jintuza bhala mahzen u biex tiddahhal karozza privata. Minn dik is-sentenza jirrizulta li l-uzu principali kien dak ta mahzen. Ufficjalment jirrizulta li l-intimat temm l-impieg principali tieghu (Maltacom fis-26 ta Jannar 1996 mhabba mard mentali. Kellu 58 sena (fol 59). Zmien ilu kien jahdem biss ta hawker imma meta impjega ruhhu beda jahdem hawker part-time. Il-fond kien wiehed kummercjali, mahzen b' affarijiet li jinbieghu fuq il-Monti. Il-mahzen fih xi affarijiet li baqghu hemm ghax baqghu hemm. L-intimat kien qal li-hidma tieghu minn fuq il-Monti u l-accessorjeta bejn il-mahzen u l-post tal-bejgh waqfet. F'din il-kawza intilef hafna zmien fuq il-kawza l-ohra. Ir-rikorrent Carmel Micallef jasal biex jichad li l-post kien mahzen, u l-Bord ma jifhimx kif bin l-intimat seta talbu biex idawwar il-kera fuqu. Dik il-kawza iddecidiet l-ghan tal-kirja u taghmel stat bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti donnhom ma jafux l-affarijiet taghhom. Minn naha intimata qed jigi ammess li l-mahzen fih xi affarijiet li ma nbieghux. L-intimat snin qabel ma miet qata mill-hidma tieghu mill-mahzen u l-Monti. La l-intimat gie 'boarded out', ufficjalment ma jistax ikollu permessi fuqu u lanqas jahdem minkejja li qed tithallas il-licenzja.

13. Jirrizulta li l-mahzen mhux qed jintuza. Il-Bord skond il-gurisprudenza fuq imsemmija (para 11) irid iqis iz-zmien li l-fond ilu ma jintuza flimkien mar-raguni ghaliex mhux jintuza. L-intimat telaq minn mal-Maltacom fis-26 ta Jannar 1996. Min-naha l-intimata tissemma s-sena 1998. Il-Bord ikollu jghid li l-partijiet kollha setghu tmexxew ahjar.

14. Jirrizulta li l-intimat kien bniedem hawtiel. Il-fond originarjament kien mikri bhala dar. L-intimat ghamlu mahzen biex jahdem ta hawker. Irnexxielu jsib impieg max-Xandir u wara ma l-Maltacom u baqa hawker part-time. Jista jkun li l-ewwel kawza saret ghax l-intimat ma baqax full time hawker. Jirrizulta li l-intimat telaq mix-xoghol mhabba mard u dan mhux bic-certifikati biss. It-tabib Spiteri kienu ser itellghuh jixhed ir-rikorrenti. Harrkuh wara li hadu l-permess minn naha intimata. Fis-

seduta li ghaliha kellu jattendi biex jixhed kien ma jiflahx u baqa ma ttellax.

15. Il-Bord dwar non uso ta' hanut mhabba mard sab biss sentenza wahda in re 'George Portelli vs Modest Briffa', deciza mill-Bord fid-29 ta Settembru 1966 u kkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta l-Appell fil-21 ta Dicembru 1966".

"meta wiehed jivvaluta ic-cirkorstanzi kollha, ghandu jasal ghall-konkluzzjoni illi l-perjodu (sena u nofs) li l-hanut inzamm maghluq ma hiex bizzejjed, konsidrata l-kondizzjoni ta l-intimata, biex jammonta ghall-uzu divers minn dak li ghalih gie mikri l-fond".

16. Issa l-intimat gie nieqes u ghalhekk l-hidma fil-fond trid tissokta ghaliex ma baqax ragunijiet biex l-fond ma jintuzax skond id-destinazzjoni tieghu.

Ghalhekk il-Bord billi ma jirrizultax non uso kif imfisser mill-gurisprudenza msejsa fuq il-ligi jichad it-talba tar-rikorrenti; spejjez bla taxxa."

Fl-appell interpost mir-rikorrenti kontra din is-sentenza dawn jikkritikaw il-motivazzjoni tal-Bord bl-ilment li din tiddifetti kemm fuq il-valutazzjoni tal-provi kif ukoll fuq il-kuncett tan-non-uzu;

Brevement, il-fatti qeghdin jigu hekk esposti:-

(1) B' sentenza tal-Bord tas-7 ta' Lulju 1988 (ara kopja a fol. 87) gie stabbilit li l-fond mikri kien wiehed adibit bhala "*store*";

(2) Fih l-intimat-kerrej kien jahzen il-merce li kien jixtri biex imbaghad ibieghha fuq il-Monti nhar ta' Hadd;

(3) Billi kien sofferenti minn *chronic depression* l-intimat gie *boarded out* mill-impjieg mal-Maltacom fis-26 ta' Jannar 1996 (ara xhieda ta' Saviour Borg a fol. 26).

Mic-certifikati medici esebiti (fol. 35, 36 u 52) jirrizulta li l-intimat ghadda minn fazi ta' *psychotic disorder* ghall-wahda ta' *dementia*;

(4) Skond Jane Bilocca, mart l-intimat, zewgha kien ilu erba' snin ma jiflahx u, allura wkoll, ma jaghmel bejgh tal-merce mahzuna fl-i*store*;

(5) Ir-rikorrenti sostnew li l-fond kien maghluq izda skond ix-xhieda ta' l-intimat l-i*store* kien ghadu mimli b' merce varja. Ara deposizzjoni ta' Raymond Bilocca, bin l-intimat, u r-ritratti minnu esebiti a fol. 91. Inoltre l-fond baqa' jigi licenzjat ghall-hazna ta' *unsold commodities*. Ara xhieda ta' PS 822 Mario Agius a fol. 40;

Mill-premessi fatti huwa indiskuss in linea preliminari illi gjaladarba b' sentenza precedenti l-Bord kien stabbilixxa n-natura tal-fond bhala "*store*" dan kellu jkun il-punt ta' tluq ghall-ezami tal-kontroversja billi wiehed ma setax jixxindi dan il-karattru tieghu. Ara **Kollez. Vol. XXXVII P I p 32** u "**Emmanuel Camilleri *et* -vs- Anthony Attard**", Appell, 24 ta' Marzu 2000. In kwantu tali, il-fond hu protett mil-ligi ghaliex "mahzen" jirrientra fid-definizzjoni li l-ligi specjali taghti lill-kelma "hanut" (Artikolu 2 tal-Kapitolu 69). Naturalment, l-Artikolu 9 (a) ta' l-istess Kapitolu, fil-parti rilevanti tieghu, jikkontempla r-ripreza tal-pussess mil-lokatur f' kaz li l-inkwilin "ikun uza l-fond xort' ohra milli ghall-iskop li l-fond ikun gie lilu moghti b' kera". Bi twegiba ghal certu difiza ta' l-intimat huwa pacifikament ritenut f' bosta decizjonijiet illi "n-non-nuzu ghal zmien twil hu parifikat ghal tibdil fid-destinazzjoni" (**Kollez. Vol. XXXVI P I p 141** u **Vol. XXXIV P I p 164**;

Dan affermat, ma jista' qatt ikun dubitat f' materja ta' lokazzjonijiet illi obbligu primarju tal-kerrej hu dak li juza l-haga mikrija lilu skond id-destinazzjoni miftehma jew stabbilita u li jisserva b' dan l-uzu skond id-diligenza tal-*bonus paterfamilias*. Rigwardat mill-perspettiva tas-sid in-non-uzu jikkostitwixxi inadempjenza kontrattwali, kemm ghax dan igib deprezzament ekonomiku tal-fond kemm

ghax jonqos il-mezz tal-konservazzjoni tieghu. Mill-ottika tal-kerrej, ikun ifisser li l-fond mikri ma ghadx ghandu utilita` ghalih u allura l-gheluq tieghu jew in-nuqqas ta' ezercizzju ta' uzu minnu jikkostitwixxi abbuz. Ovvjament jispetta lil gudikant fil-mertu l-apprezzament ta' l-importanza ta' dan l-inadempiment ghal fini tal-pronunzjament fuq l-oggett tat-talba. F' dan il-kaz il-Bord deherlu li l-istat prekarju tas-sahha ta' l-intimat kienet gustifikazzjoni bizzejjed biex jigi determinat illi ma twettaq ebda uzu divers bi ksur tal-ligi. Il-Bord jirpoza dan ir-ragonament tieghu fuq il-konsiderazzjonijiet zvolti mill-Qorti ta' l-Appell tal-21 ta' Dicembru 1966 in re "**George Portelli -vs- Modesta Briffa**, pubblika merkantessa";

Jinsab enuncjat fis-sentenza fl-ismijiet "**Emmanuele Busuttil -vs- Paolo Zammiet *nomine et***", Appell, 7 ta' Mejju 1956, illi "sabiex wiehed jasal ghall-konkluzjoni jekk kienx hemm tibdil jew le fid-destinazzjoni tal-fond minhabba li dan ikun inzamm maghluq ma hemm ebda kriterju fiss, u dan jigi determinat f' kull kaz in ispecje, mehuda in konsiderazzjoni c-cirkostanzi partikulari ta' kull kaz". Hekk il-Qrati taghna qiesu gustifikativi c-cirkostanzi fejn, ad ezempju, il-licenzja ghal tibdil tal-generu ta' negozju damet xi xhur biex inharget ("**Edward Zammit -vs- Dr. Kalcidon Zammit**", Appell, 16 ta' Dicembru 1968) jew fejn il-Pulizija tkun issospendiet il-licenzja ("**Kummissarju ta' l-Art -vs- John Lowell *nomine***", Appell, 26 ta' Ottubru 1987) jew fil-kaz ta' rinnovament tal-fond ("**Francis Cutajar *et* -vs- Michael Attard**", Appell, 25 ta' Jannar 1989). Dejjem pero` in tema ghal dak li jinghad fis-sentenza citata mill-Bord in re "**Portelli -vs- Briffa**" in-non-uzu ma jridx ikun volontarju imma dovut ghal xi raguni irresistibbli;

Ghal dak li huwa l-fattur zmien il-fattispeci ta' dan il-kaz juru li dan kien ilu maghluq erba' snin meta xehdet mart l-intimat (18 ta' April 2002). Dan miet fl-2003 (ara verbal tas-seduta tal-11 ta' Dicembru 2003), u dan igib li sakemm inqatghet is-sentenza (16 ta' Novembru 2005), una volta li ma rrizultax mill-provi illi ssoktat mill-fond dik il-

hidma awspikata mill-Bord, illi b' kollox il-fond baqa' inutilizzat ghal cirka seba' snin. Kemm jekk si tratta minn dan il-perijodu jew dak ta' erba' snin dan ma jistax jitqies zmien negligibbli. Anzi r-raguni tiddetta li huwa zmien twil bizzejjed sabiex in-non uzu jammonta ghall-uzu divers;

Akkompanjat ma' dan irid jinghad ukoll illi n-natura tal-mard ta' l-intimat kellu jitqies fih innifsu indikattiv li dan ma kienx fattur temporanju ta' mard izda pjuttost dejjiemi skond il-progress ghall-aghar li jiccertifikaw ir-rapporti medici esebiti. Ikollu jinghad allura illi s-semplici dikjarazzjoni ta' mart l-intimat u ta' ibnu fis-sens li meta jkun ahjar l-intimat jerga' jibda jattiva n-negozju tieghu "ma titfa' ebda dawl gdid rigward id-durata tan-non-uzu, anzi tirrendi s-sitwazzjoni kollha aktar incerta" ("**Paolo Bonello *et* -vs- John Cassar**", Appell, 24 ta' Novembru 1986). Dan hu kaz li ma dak in ezami ghandu certu xebh billi anke hawn l-intimat iddefenda ruhu bl-istat xejn tajjeb ta' sahhtu li ma ppermettilux juza l-fond ghal sentejn shah. Huwa veru li f' dak il-kaz il-kerrej kien rritorna lura l-licenzja li kellu mentri f' dan prezenti l-licenzja ssoktat tigi mgedda. Dan, pero`, kif drabi ohra rilevat, "mhux fih innifsu sufficcjenti biex jeghleb ir-realta` u l-verita` tal-fatti" ("**Antonio Deguara -vs- John Falzon**", Appell, 22 ta' Novembru 1968) billi, kif issokta jigi precizat, "il-licenzja fuq il-garage u n-necessita` tal-garage ghall-pussess ta' dik il-licenzja partikolari ma jikkostitwix minnhom infushom 'uzu'." ("**Rocco Caruana -vs- Albert Cauchi**", Appell, 6 ta' Dicembru 1968);

Hemm imbaghad osservazzjoni ohra li trid issir. Ma jirrizulta minn imkien mill-provi illi fis-snin kollha li l-fond dam maghluq ittiehdu xi mizuri biex il-merce mahzuna fih almenu tinbiegh permezz ta' l-operat ta' haddiehor. Raymond Bilocca, iben l-intimat, filwaqt li ddikjara li kieku l-licenzja tinqaleb fuqu hu kien jista' jaghmel dak in-negozju, b' danakollu baqa' ma ssemmiex jekk ghamelx xi tentattivi konkreti versu dan l-iskop. Gie rimarkat fis-sentenza fl-ismijiet "**Maria Concetta Zammit Lupi *et* -vs- Joseph La Rosa de Cristoforo *et***", Appell, 12 ta'

Dicembru 1996, u fejn ukoll, giet allegata raguni ta' mard, illi "il-Qorti ma tarax ghaliex is-sub-inkwilina ma setghetx tiehu dawk il-mizuri biex tassigura li l-hanut ikun miftuh permezz ta' l-operat ta' haddiehor". Anke minhabba dan in-nuqqas din il-Qorti ma ssibx gustifikazzjoni serja ghan-non-uzu, fuq firxa apprezzevoli ta' snin, tal-fond lokat. Ma kienx bizzejjed illi jigi pruvat li l-fond ghad hemm il-merkanzija tan-negozju billi "l-ligi ma jdiherx li tikkontempla bhala 'mahzen' protett minnha bhala 'hanut' kwalunkwe fond fejn wiehed jerfa' xi affarijiet, ikunu x' ikunu, imma aktarx fond fejn jinzammu '*wares*' jew '*goods*' konnessi man-negozju" ("**Adelina Azzopardi *et* -vs- Karmenu Vassallo**", Appell, 15 ta' Dicembru 1978). F' dan il-kaz dan in-negozju ma baqax attivat u kwindi wkoll il-mahzen ma tkomplix jigi utilizzat. Huwa veru li fil-kaz ta' *store* in-non-uzu kellu jkun provat fi grad wisq oghla minn dak mehtieg fil-kaz ta' hanut (ara "**Ludgarda Gatt *et* -vs- Pauline Cassar**", Appell, 28 ta' Gunju 2001). Minn dak ammess mix-xhieda prodotti mill-intimat il-Qorti, f' dan il-kaz, hi sodisfatta li din il-prova ntlahqet;

In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha din il-Qorti ma tarax allura kif tista' ssostni r-ragonament u konkluzjoni tal-Bord. Anzi ssib, fuq il-konvinzjoni taghha, illi biex tevita li ssir ingustizzja manifesta, hu l-kaz li tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Bord b' dik taghha.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tal-Bord li Jirregola l-Kera. Konsegwentement tilqa' t-talba ta' l-appellanti kif dedotta fir-rikors promotur u ghal fini ta' l-izgumbrament tipprefiggi t-terminu perentorju ta' erba' xhur mil-lum. Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez gudizzjarji ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------